MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 803/1997/1

Rikors Numru: 803/97
Joseph Bonello
vs
Prim Ministru

Illum 3 ta' Marzu 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-4 ta' Novembru 1997 fejn ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra zewg ingustizzji konnessi mal-promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien impjegat fis-Servizz Civili ghal 19 -il sena u nofs u hadem ghal dan il-perijodu kollu (hlief ghal sena wahda) fl-ufficcju tal-Public Service Commission.

Illi l-ilment tieghu jikkonsisti fil-fatt li r-rikorrent ma giex ikkunsidrat ripetutament fl-ghoti tal-promozzjonijiet. Mhux biss ma giex ikkunsidrat izda xi xhud minn dawk li gew promozzi kellhom il-fortuna li jinghataw promozzjoni ohra fi zmien sitt xhur u promozzjonijiet ohra sussegwenti. Kemm dam fis-Servizz Civili, mhux biss is-sitwazzjoni qatt ma giet rimedjata jew ta' lanqas imtejba, izda huwa hareg mis-Servizz Civili fl-istess grad li kien dahal dsatax-il sena qabel!

Ir-rikorrent qeda dmirijietu fil-Public Service Commission abilment (kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mill-file personali tieghu u bl-ahjar hila tieghu, u fuqu hekk kien jigi mfahhar mic-Chairman f'kull okkazzjoni li kien ikun hemm. Bizzejjed jinghad li l-minuti tal-Kummissjoni kienu jinkitbu minnu kemm fiz-zmien meta huwa kien ikun prezenti ghas-seduti, kif ukoll meta kien ikun prezenti biss is-Segretarju. Minn Ottubru 1993 sa Mejju 1996 huwa qeda l-funzjoni ta' acting Secretary. Kien hemm zewg perijodi (kwazi 6 xhur fl-1983 u kwazi 6 xhur fl-1985) meta r-rikorrent mexxa l-ufficju wahdu. Fl-1986 intbaghat A.O. senior tieghu biex jassistih. Minhabba l-inesperjenza ta' dan l-A.O. fix-xoghol partikolari tal-Public Service Commission u ghal ragunijiet ohra, ir-rikorrent spicca jaghmel ix-xoghol kollu hu.

Ta' min jghid li l-A.O.'s f'dipartimenti ohra kienu qeghdin jithallsu hafna flus ghal overtime (minkejja regolament kuntrarju), filwaqt li ir-rikorrent lanqas "acting allowance" ma thallas ghall-perijodu fejn huwa mexxa l-ufficcju wahdu qabel l-1993.

Il-'policy' mahsuba biex jinghazlu persuni xierqa ghal kull post permezz ta' sejhiet ghall-hatra, li fiha nfisha hi haga tajba wasslet biex ir-rikorrent jigi prekluz milli jimla l-post ta' Segretarju tal-Public Service Commission, billi gie ritenut li A.O. mhuwiex "a senior public officer". Spicca biex ma nhatar hadd ghaliex dawk intervistati ma gewx ikkunsidrati li jistghu jaqdu lill-PSC ahjar mill-mod kif kienet moqdija bir-rikorrent. B'hekk, f'19 –il sena r-rikorrent baqa' fl-istess grad u l-PSC kienet u baqghet

moqdija tajjeb bix-xoghol tieghu. Fil-fatt wara 10 snin ir-rikorrent kien meqjus bhala l-aktar wiehed awtorevoli fix-xoghol tal-PSC f'dak l-ufficju.

Inoltre, minhabba tilwim bejn ic-Chairman u s-segretarju (kif jidher mill-minuti tal-PSC bejn Gunju 1987 u Dicembru 1988) ir-rikorrent spicca mghobbi b'hafna dmirijiet oghla mill-grad li thalla fih.

Ir-rikorrent dahal fis-Servizz Civili fil-grad ta' Administrative Officer wara 'open competitive public examination' ghall-gradwati. Huwa ggradwa B.A. (Gen) fl-1975 u ottjena l-Post Graduate Teacher's Certificate fl-1977.

Ghalkemm ir-rikorrent kellu jsir assistant Head mal-grupp li sar fl-1987 abbazi ta' meritu huwa ma giex ikkunsidrat. Rega' gara l-istess fl-1988 meta huwa kellu jsir Head Grade I. Ir-rikorrent iqis li kien jimmerita dawn il-promozzjonijiet skond il-PSC Regulations (efficjenza, kwalifiki, meritu u esperjenza qabel seniority) izda gie mcahhad minnhom ghaliex il-promozzjonijiet inghataw in bazi ghal "policies" u proceduri "biased" favur seniority a skapitu ta' efficjenza, u huwa qatt ma ghamel pressjoni fuq l-awtoritajiet biex jiehu xi promozzjoni.

F'anqas minn 6 xhur wara l-promozzjonijiet ghal Assistant Heads (fejn ir-rikorrent ma kienx gie kkunsidrat) grupp minnhom inghataw promozzjoni ohra din id-darba ghal Head Grade I. Uhud gew sussegwentement moghtija promozzjonijiet ohra wkoll.

Fl-20 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent tant kien iddispjacut b'dan kollu, li waqt li kien qed iqarrab lejn "roundabout" mitluf jahseb fuq il-qaghda tieghu tfarrak bil-karozza u ghamel 7 gimghat taht "traction" fl-isptar u diversi gimghat ohra d-dar.

Waqt l-assenza tieghu mill-Ufficju ix-xoghol amministrattiv gewwa l-ufficcju tal-PSC mar il-bahar. Is-Segretarju minkejja zewg promozzjonijiet in fila baqa ma jistax isib tarf. L-"Intricacies" fix-xoghol ta' dak l-ufficcju r-rikorrent

biss kien midhla sew taghhom, kif iddikjaraw uhud mic-Chairman tal-PSC.
Meta minhabba t-tilwim bejn ic-Chairman u Segretarju r-rikorrent talab transfer gie trasferit is-segretarju ghal dipartiment iehor. Minnufih ir-rikorrent rega gie fdat bix-xoghol kollu tal-Kummissjoni. L-ufficcju ha r-ruh u dan jistghu jixhduh l-impjegati kollha ta' dak l-ufficcju. Ir-rikorrent ha hafna inizjattivi li wasslu ghal titjib konsiderevoli fil-PSC inkluzi l-premises u staff training.

Gara' pero' li qabel ma r-rikorrent lahaq ra l-pjani l-ohra tieghu ghal titjib isehhu gie mhabbar li ser isir ezami ghal "Senior Principals". Dan kien ifisser li ghax kien wasal it-turn tieghu, il-hatra ta' "senior principals fejn qabel saret dejjem awtomatikament issa kienet ser issir b'ezami!

Ir-rikorrent ghamel riferenza ghall-avviz numru 633 li deher fil-Gazzetta tal-gvern tas-6 ta' Settembru 1991 li bih gie mhabbar li l-Prim Ministru kien approva l-hatra tieghu bhala Acting Secretary tal-PSC fit-30 ta' Awissu 1991. L-istess gie mhabbar f'avviz numru 785 tal-harga tat-23 ta' Novembru 1993.

Lejn l-ahhar tas-sena 1995 meta r-rikorrent ma felahx aktar ghad-dizonesta li filwaqt li jinqdew bih, icahhduh mill-promozzjonijiet ghal dawk is-snin kollha irtira mis-Servizz Civili ghall-ragunijiet medici. Dan gara ghaliex dawk ta' fuqu minflok ma tawh il-promozzjonijiet li kien iggwadanja u mmerita bis-servizz habrieki efficjenti u leali tieghu farfru din ir-responsabilita` minn fuqhom biex jghadduha ghal fuq ir-rikorrent billi huwa jkollu jaghmel ezami ghall-hatra ta' "senior principals' fejn dan qatt ma sar qabel.

Minhabba l-irtirar kmieni mis-servizz, ir-rikorrent qed ibati telf finanzjarju serju.

Illi huwa kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda indikati fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata

rimedju billi jigi ordnat illi ir-rikorrent jinghata l-imsemmija zewg promozzjonijiet b'effett mid-dati mitluba u li jithallas kumpens lilu f'ammont li ma jeccedix il-Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Prim Ministru fejn eccepixxa:

Illi sostanzjalment ir-rikorrent qed jilmenta minn ***policies*** dwar promozzjonijiet u organizzazzjoni fis-Servizz Pubbliku u mhux minn xi agir ingust dirett partikolarment lejh.

Illi l-hatra ta' Assistent Kap ta' Dipartiment hija regolata mill-Art 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u din issir mill-Prim Ministru wara rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi l-hatra ta' Kap ta' Dipartiment tal-Gvern hija specifikament regolata mill-Art 92(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u din issir mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi meta saru l-hatriet ta' Assistent Kap fl-1987 dawk l-ufficjali mahtura kienu bil-bosta aktar anzjani mir-rikorrent, fil-fatt hu kien fil-184 post fis-***seniority list*** tal-***Administrative Officers*** filwaqt li dawk kollha mahtura kienu jinsabu fost l-ewwel 86 post fl-istess ***seniority list*** u kienu kollha ilhom fil-grad ta' Administrative Officer mill-1974 jew qabel.

Illi dawk li nhatru ***Head I*** fl-1988 kienu jinkludu numru ta' ufficjali li kienu ilhom fil-grad ta' Assistent Kap ghal bosta snin u erbgha ufficjali li kienu nhatru Assistent Kap fl-1987. Dawn l-erbgha ufficjali kienu l-aktar ufficjali anzjani fost dawk li nghataw il-hatra ta' Assistent Kap fl-1987.

Illi fiz-zewg okkazjonijiet dawk maghzula kollha kellhom rapporti favorevoli sena wara l-ohra.

Illi filwaqt li fl-ghazla ghall-Kap ta’ Dipartiment l-anzjanita` mhux il-kriterju determinanti f’dik ghal Assistent Kap, l-anzjanita` normalment kienet tinghata aktar piz, kif fil-fatt gara fil-hatriet ta’ l-1987.

Illi b’rizultat tal-ftehim li sar fl-1993 mal-Unions dwar ir-riforma fis-Servizz Pubbliku dawk l-ufficjali li kienu fil-grad ta’ Administrative Officer gew assimilati fil-grad gdid ta’ Principal u minn fost dawn kellu jsir ezami ghall-grad gdid ta’ senior Principal minn liema grad wiehed seta’ japplika biex jigi kkunsidrat fl-ghazla ghal grad oghla.

Dwar dan, ir-rikorrent flimkien ma numru ta’ Administrative Officers ohra, kien ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, liema Kummissjoni kienet iddecidiet illi parti mill-ilment ma giex pruvat u fir-rigward tal-bqija ta’ l-ilment ma haditx konjizzjoni ulterjuri billi dan kien jimporta li jigi sindikat ftehim ta’ riorganizzazzjoni milhuq bejn il-Unions u l-amministrazzjoni.

Illi l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent dwar ix-xoghol li hu kien jaghmel fl-Ufficcju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jaqa’ taht l-operat ta’ l-istess Kummissjoni.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra’ l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent iggradwa BA general fl-Universita` ta’ Malta fl-1975 u dahal fis-servizz civili fi grad ta’ Administrative Officer. Dam f’dan is-servizz 19 –il sena li ghamilhom kollha il-PSC hlief ghal sena wahda. Irtira fl-1995 bl-istess grad li kien dahal bih mac-civil. Bl-avvizi legali numri 633 tas-6 ta’ Settembru 1991 u 785 tat-23 ta’ Novembru 1993 ir-rikorrent gie nominat Agent Segretarju tal-PSC izda qatt ma nghata l-kariga ta’ Segretarju minkejja li huwa kien jaghmel dan ix-xoghol ghal bosta

snin. Mhux hekk biss, talli lanqas ma ha l-allowance kif previst mill-estacode ghal min jaghmel xoghol ghola mill-grad tieghu u lanqas ma kien jithallas overtime minkejja li kien jaghmel xoghol wara l-hin.

Irrizulta wkoll illi r-rikorrent kien bniedem efficjenti u tajjeb hafna f'xoghlu. Kien hemm zmien meta kien imexxi l-PSC wahdu minhabba tilwim bejn ic-Chairman u s-Segretarju. Richard Mifsud li bhar-rikorrent kien AO. Dan dahal jahdem mal-PSC fl-1986 gie promoss fl-1987 u wkoll fl-1988. Mifsud ma kienx gradwat bhar-rikorrent izda aktar anzjan.

Minbarra r-rikorrent xehdu George Saliba u Clorinda Tabone Adami illi t-tnejn kienu jahdmu fil-PSC u jiftakru lir-rikorrent bhala Agent Segretarju. Saliba jiddiskrivih bhala "l-continuity ta' dak iz-zmien", kien jamministra u ukoll jiehu hsieb il-personnel u l-efficjenza tar-rikorrent "kien il-massimu."

Clorinda Tabone Adami (fol 68) qalet li hija serviet mal-PSC bejn Awissu 1971 u Settembru 1998 u ddiskrivit lir-rikorrent bhala espert f'xoghlu. Richard Mifsud gie bhala AO u sar Segretarju izda kellu clashes ma' kulhadd. Ghall-ewwel Mifsud kien imur tajjeb mac-Chairman izda mbaghad spicca hazin u x-xoghol fil-PSC tahrbat f'dawk is-sentejn illi kien hemm Mifsud. Tghid illi r-rikorrent kien jidhol u jaghmel ix-xoghol ta' Segretarju u l-impjegati stess shabu kienu skantaw kif bniedem kapaci bhar-rikorrent baqa' l-art. Taf li bhala Acting Secretary ir-rikorrent ma hax l-allowance ghal min jahdem il-fuq mill-grad tieghu u lanqas ma thallas ghal zmien zejjed li kien jiddedika lill-Kummissjoni wara l-hin.

Min-naha ta' l-intimat xehed James Catania a fol 82 li jaghmel referenza ghar-risposta ta' l-intimat u waqaf hemm.

Ikkunsidra

F'dan ir-rikors ir-rikorrent qieghed jitlob li jinghata promozzjoni bhala Assistant Head fl-1987 u Head grade I

fl-1988 u fin-nuqqas jinghata kumpens. Irrizulta illi ghal dawn iz-zewg postijiet ir-rikorrent ma giex ikkunsidrat peress illi kien lura hafna fil-lista tas-seniority. It-Tribunal jirrealizza li minkejja l-kriterji ghal promozzjoni u cioe efficjenza, kwalifiki, meriti, esperjenza u anzjanita, r-rikorrent bhala wiehed li kien jeccella fil-kwalifiki kollha minbarra seniority, seta' ma kienx wiehed minn dawk illi ntaghzlu ghan-nomini fuq msemmija. Ma giex ippruvat illi l-persuni nominati huma nieqsa mill-kriterji fuq indikati.

Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaghmel paragun bejn is-sitwazzjoni tar-rikorrent u dawk illi gew nominati. Pero` ghal dak li jirrigwarda l-akkadut fil-PSC jista' jsir paragun bejn it-trattament li ha Richard Mifsud u t-trattament li rcieva r-rikorrent. dawn iz-zewg impjegati kienu ta' l-istess grad u cioe` AO, izda Richard Mifsud gie promoss fl-1987 u wkoll fl-1988 nonostante illi ma tantx eccella waqt il-permanenza tieghu fil-PSC, fil-waqt illi r-rikorrent illi kien eccellenti, baqa' lura u ma ha xejn. Wasal biss li jkun nominat Acting Secretary.

M'hemmx dubju li sar trattament diskriminatorju bejn Richard Mifsud u r-rikorrent fejn dan ta' l-ahhar minkejja l-efficjenza, l-kwalifiki, l-meriti, l-esperjenza tieghu baqa' dejjem lura u spicca fis-servizz civivli 19 –il sena wara li dahal bl-istess grad illi kien fih originarjament. Dan ukoll minkejja illi huwa kien qed jghamel xoghol oghla mill-grad tieghu.

Fil-waqt li r-risposta ta' l-intimat tista' taghmel sens ghal dak li jirrigwarda n-nomi ta' Assitant Head fl-1987 u Head grade I 1988 issibha deficenti ghal dak li jirrigwarda ragunijiet il-ghala r-rikorrent ma giex mahtur segretarju meta kien hemm post vakanti u minflok giet nominata persuna bl-istess grad bhar-rikorrent illi ma kienetx xejn efficjenti fil-kors tax-xoghol taghha.

Ghalhekk it-Tribunal jidhitlu li saret ingustizzja kbira mar-rikorrent meta giet mcahhda lilu l-promozzjoni ghal Segretarju tal-PSC, meta huwa kien forsi l-unika persuna fic-civil kollu illi seta' jikkwalifika ghal dak il-grad.

Kif tajjeb qal l-avukat tar-rikorrent fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, c-Chairman u mpjegati ohra tal-Kummissjoni kienu jinbidlu minn zmien ghal zmien u r-rikorrent kien baqa' dejjem hemm biex iservi ghal punt ta' referenza ghac-Chairman il-gdid li jkun se jiehu postu. Mhux hekk biss talli ghen fir-refurbishment ta' l-ufficini tal-Kummissjoni u jghaddi l-esperjenza tieghu lill-impjegati ohra illi jkunu se jibdew il-karriera maghha.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent almenu haqqu kumpens ghal dan in-nuqqas jew ingustizzja illi saret mieghu.  Liema kumpens it-Tribunal jidhirlu illi ghandu jiffissa "arbitrio bono viri" s-somma ta' Lm4000.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jirrakomanda lill-intimat illi jhallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm4000 bhala kumpens ghal ingustizzja minnu soffruta meta fiz-zmien l-impjieg tieghu mal-PSC gie negat lilu post li kien meritevolment misthoqq.  Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------